MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Numru 1/2002

Fl-atti tar-rikors ta' John Borg u Philip Borg
Vs
Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' John Borg u ta' Philip Borg fejn huma esponew bir-rispett :

Illi dan ir-rikors qieghed isir ai termini tal-Artikoli 541(1) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9);

Illi r-rikorrenti huma t-titolari tad-drittijiet tal-awtur fis-sens previst mill-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur (Kap. 415 tal-Ligijiet ta' Malta) fir-rigward ta' 'souvenirs' ossia platti dekorattivi illi juru diversi xeni ta' Malta, fosthom, 'inter alia', souvenir ossija platt dekorattiv illi juru l-Belt antika tal-Imdina minn taht b'karozzin ta' Malta quddiemha;

Illi r-rikkorrenti titolarji tad-drittijiet tal-awtur fir-rigward ta' dawn is-souvenirs ossija platti dekorrattivi ghal snin twal u

ilhom ghal snin twal ukoll fin-negozju ta’ bejgh ‘by wholesale’ ta’ dawn is-‘souvenirs’ lil diversi hwienet f’Malta u Ghawdex;

Illi s-sena li ghaddiet, s-sena 2001, s-socjeta’ Bristow Potteries Limited ghamlet u bdiet tispacca fuq is-suq lokali fi kwantitajiet konsiderevoli kopji ta’ dawn is-souvenirs ossija platti dekorattivi, liema kopji ossija riproduzzjoni bdew jinbieghu ukoll by wholesale lil diversi hwienet Malta u Ghawdex illi kienu jixtru l-original ta’ dawn is-souvenirs ossija platti dekorattivi minghand r-rikkorrenti odjerni;

Illi fid-dawl ta’ dan, r-rikkorrenti ipprocedew gudizzarjament kontra l-imsemmija socjeta’ Bristow Potteries Limited billi talbu l-hrug ta’ Mandat ta’ inibizzjoni sabiex l-imsemmija socjeta’ tigi inibita b’ordni tal-Qorti milli tkompli timmanifattura u/jew timporta u tbiegh jew toffri ghall-bejgh fuq is-suq lokali dawn ir-riproduzzjonijiet;

Illi permezz ta’ digriet moghti fit-2 ta’ Lulju 2001, il-Prim’Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba interposta mir-rikkorrenti u ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-imsemmija socjeta’ Bristow Potteries Limited, Mandat ta’ Inibizzjoni 1603/01DS fl-ismijiet “John Borg et vs Bristow Potteries Limited”;

Illi sussegwentement r-rikkorrenti odjerni ipprocedew ukoll kontra l-imsemmija socjeta’ ‘Bristow Potteries Limited’ permezz ta’ kawza intavolata ai termini tal-provvedimenti tal-Kap. 415 tal-Ligijiet ta’ Malta (Citaz. Nru 1334/01 JRM);

Illi minkejja l-ordni moghti mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta’ Bristow Potteries Limited permezz ta’ liema l-imsemmija socjeta’ giet inibita milli tkompli timmanifattura u/jew timporta u tbiegh jew toffri ghall-bejgh fuq is-suq lokali dawn ir-riproduzzjonijiet tas-souvenirs ossija platti dekorattivi illi fuqhom r-rikkorrenti odjerni igawdu drittijiet ta’ awtur skond il-ligi;

Illi b'dan l-agir is-socjeta' Bristow Potteries Limited mhux biss irrendiet ruhha hatja ta' disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti izda wkoll irrendiet ruhha hatja ta' offiza kriminali;

Illi r-rikkorrenti kitbu diversi drabi lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex jigu istitwiti proceduri gudizzjarji kriminali kontra d-diretturi tas-socjeta' Bristow Potteries Limited illi huma kriminalment responsabbli ghall-azzjonijiet tas-socjeta' minnhom immexxija, u dan anke permezz ta' ittri datati d-9 ta' Awissu 2001, l-4 ta' Ottubru 2001, id-19 ta' Novembru, 2001 u s-17 ta' Jannar 2002, izda l-Pulizija Ezekuttiva naqset milli tipprocedi kif mitlub, minkejja illi zgur illi 'prima facie' jissussistu l-estremi tal-offiza kriminali fuq imsemmija, u ghalhekk kellha ssir din l-odjerna procedura;

Illi assolutament mhuwiex gust illi filwaqt illi l-Pulizija Ezekuttiva, gustament, d'altronde, tagixxi kriminalment kontra dawk illi bir-riproduzzjoni u bejgh ta' CD's u DVD's riprodotti jilledu d-drittijiet tal-awtur ta' artisti barranin u tar-rapprezentanti taghhom lokalment, mill-banda l-ohra qeghdin jirrifjutaw illi jagixxu kriminalment kontra min qieghed jilledi d-drittijiet tal-awtur tar-rikkorrenti;

Ghal dawn il-motivi, r-rikorrenti, filwaqt illi jitolbu illi jipproducu l-provi kollha mehtiega, jitolbu lil din il-Qorti joghgobha tordna lill-Pulizija Ezekuttiva sabiex, ghar-ragunijiet fuq imfissra, tipprocedi gudizzjarjament kontra d-diretturi tas-socjeta' Bristow Potteries Limited u tordna kommunika tal-appozitu digriet lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan ai termini tal-artikolu 541(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, salv dejjem kull ordni u provvediment iehor li din l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun;

Rat illi gew osservati mir-rikkorrenti d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti inkluz lir-rikkorrenti bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tar-rikorrenti, kif ukoll tal-intimat;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-atti processwali u senjatament a fol. 32 tal-process illi r-rikorrenti ikkoperaw mad-ditta estera A.L.C.E.A.R. tal-Italja u dana sabiex gew manifatturati wall plates, xeni tal-Imdina Malta illi eventwalment bdew jinbieghu bhala souvenirs lit-turisti;

Irrizulta wkoll ampjament mill-provi prodotti illi dawn is-souvenirs kienu xi haga innovattiva fis-suq lokali fis-sens illi ma kienitx tezisti xi haga simili qabel.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi saru proceduri fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili u permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti ottjenew mandat ta' Inibizzjoni fis-sens illi l-Bristow Potteries Limited ma setghux aktar ibieghu prodotti simili ghal taghhom kif fil-fatt kienu qeghdin jaghmlu. Effettivament permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Lulju, 2001 l-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef David Scicluna tat digriet fis-sens illi l-Qorti kienet sodisfatta illi kienu jirrizultaw l-elementi mehtiega ghall-hrug ta' dan il-Mandat u b'mod partikolari illi 'prima facie' r-rikorrenti kellhom drittijiet x'jikkawtelaw.

Illi irrizulta illi effetivament is-socjeta' Bristow Potteries Limited qeghda tipproduci souvenirs li huma simili ferm ghal dawk illi jippoducu u ibieghu r-rikkorrenti. Dana kollu jirrizulta wkoll mir-ritratti illi gew esebiti f'dawn il-proceduri.

Illi gie ippruvat ukoll illi meta s-Surgent mar jaghmel spezzjoni fil-fabbrika tal-Bristow Potteries dan l-anqas biss ghamel tfittxija sura ta' nies, kellmu xi hadd mid-Dirigenti u qallu illi l-Avukat taghhom, jigifieri ta' Bristow Potteries, kellu jikkommunika mal-Pulizija u jurihom dokument fis-sens illi huma kellhom id-dritt illi ibieghu dawn is-souvenirs. L-istess Surgent ikkonferma bil-gurament f'dawn il-proceduri illi hadd ma ikkuntattjah sabiex

jinfurmah illi effettivament l-Bristow Potteries kellhom id-dritt imsemmi.

Illi minn ittra illi tinsab esebita a fol. 45 tal-process mibghuta mis-socjeta' A.L.C.E.A.R. lir-rikkorrenti, jirrizulta illi d-ditta A.L.C.E.A.R. ikkonfermat illi l-unici agenti tal-prodotti taghha f'Malta u Ghawdex huma r-rikorrenti u r-rikokrrenti gew moghtija d-drittijiet kollha tal-awtur rigwardanti l-imsemmija prodotti.

Ikkunsidrat ;

Illi l-Qorti wara illi rat l-Artikolu 541(1) tal-Kap. 9 taqta u tiddeciedi illi mix-xhieda kollha prodotti hija sodisfatta illi l-kwerela illi ghamlu r-rikorrenti lill-Kummissarju tal-Pulizija hija prima facie gustifikata.

Ghaldaqstant hija qeghda tilqa' t-talbiet kollha maghmula fir-rikors tal-25 ta' Frar, 2002 u qeghda tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jinnotifika lill-Kummissarju tal-pulizija b'din l-ordni.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 541(3) tal-Kap. 9 u tordna illi dan id-digriet ikun notifikat lill-Avukat Generali fi zmien jumejn tax-xoghol mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------